MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 214/2007

Kawza fil-lista: 31

**A B, f' ismu proprju,**
**u bhala kuratur ad litem tal-minuri C D**
**vs**
**E D; l-Avukat Dottor Anthony Cutajar**
**u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina nominati**
**kuraturi deputati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti F G D;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. A fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena

elfejn u hamsa (2005) twieled C D, f' liema certifikat hemm dikjarat li missieru hu l-intimat F G D u ommu l-intimata E D;

2. Illi permezz ta' sentenza fil-kawza fl-ismijiet "E D vs F G D" moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) [Citazzjoni nru: 337/2004NC], din l-istess Qorti ddikjarat li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet E D u F G D fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elf disa mija tnejn u disghin (1992) huwa null u bla effett fil-ligi, kopja tas-sentenza tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

3. Illi fil-fatt l-imsemmi minuri twieled minn relazzjoni bejn l-esponent u l-istess intimata kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi effettivament l-intimat F G D kien ilu li telaq minn Malta sa mis-sena elfejn u erbgha (2004);

5. Illi jezistu l-estremi kontemplati fil-ligi sabiex l-istess minuri jigi rikonoxxut mill-esponent bhala ibnu;

6. Illi l-esponent rabba lil C bhala ibnu u ghalhekk ma ghandhux pussess ta' stat konformi ma' l-Att tat-Twelid tieghu fuq imsemmi;

7. Illi dana kollu kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri C D huwa iben naturali ta' l-esponent A B u mhux iben F G D kif dikjarat fl-anness certifikat Dok. A;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier it-tarbija billi jindika f' dawn il-paragrafi in sostituzzjoni ghal dak li hemm fihom, dak kollu li

tordnalu din l-istess Qorti u cioe' billi (a) fil-kolonna dwar isem u kunjom il-kliem “F G D” jigu sostitwiti bil-kliem “A B”; (b) fil-kolonna “id-dokument ta' l-identita'” jigu mnizzlin il-kliem “448770 (M) Maltese ID Card Number”; (c) fil-kolonna “eta” in-numru 42 jigi sostitwit bin-numru 34; (d) fil-kolonna fejn twieled il-missier , il-kliem “Haddington, Scotland” jinbidlu “Sliema, Malta”; (e) fil-kolonna ta' residenza tal-missier jigu mnizzlin il-kliem “Birzebbuga, Malta”; (f) fil-kolonna ta' isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, il-kliem “George Gibb D (not know whether living or dead)” jigu sostitwiti bil-kliem “Charles B (dead)” u kull korrezzjoni ohra mehtiega u opportuna;

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti sabiex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jipprova l-impossibilita' fizika bejn l-intimati E D u F G D;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu kancellati l-kliem “the said” mill-kolonna li tispecifika d-dettalji ta' l-omm fl-Att tat-Twelid li ghandu n-numru progressiv 2101 tas-sena 2005 filwaqt illi fil-kolonna dwar l-isem u l-kunjom tat-tarbija, il-kunjom ‘D’ jkun sostitwit bil-kunjom ‘B’;

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrilevaw li huma ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz ;

Rat in-nota prezentata mill-konvenuta E D li biha ammettiet it-talbiet attrici ;

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li hu l-missier naturali tat-tifel C li twieled mill-konvenuta E D fit-8 ta' Gunju 2005 u li gie registrat fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu numru 2101/05 bil-kunjom D.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuti E u F G, konjugi D, isseparaw de facto fis-sena 2001, u f' Awissu tas-sena 2004 dan ta' l-ahhar harab lejn il-Canada ma' mara ohra, minn fejn gab id-divorzju fil-konfront ta' martu fis-26 ta' Awissu 2005, u sussegwentement z-zwieg civili tieghu gie annullat minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2006.

Illi wara li l-konvenut F G D telaq minn Malta, l-konvenuta E,allura martu, kienet dahhlet f' relazzjoni stabbli ma' l-attur, liema relazzjoni ghadha ghaddejja. Minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel C fit-8 ta' Gunju 2005.

[1] Fol.48 *et seq.*

Illi l-attrici tghid li l-missier naturali ta' l-imsemmi tifel huwa l-attur, stante li hi kienet ilha zmien twil ma jkollha relazzjonijiet intimi ma' zewgha, u fiz-zmien il-koncepitment kien ikollha relazzjonijiet intimi ma' l-attur.

Illi din it-tezi ta' l-attrici ssib konfort shih fir-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA maghmula minn fuq kampjuna mehuda minn fuq il-persuni, tal-konvenuta, tat-tifel u ta' l-attur. Ir-rapport xjentifiku jikkonferma li C huwa l-wild naturali ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet ta' l-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara li t-tifel C li twieled fit-8 ta' Gunju 2005 mill-konvenuta E D,huwa l-wild naturali ta' l-attur A B, u mhux tal-konvenut F G D ; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 2101/05, fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur proprio u minn E D, konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------